**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

**KUNSILL LOKALI ĦAMRUN** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 07, il-Ħamis, 20 ta' Awwissu 2015.**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 20 ta' Awwissu 2015 fis-6.00 filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**<u>Preżenti</u> (Sitt Kunsilliera)**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christian Sammut | Sindku |
| Is-Sur Vincent Bonello | Vici Sindku |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sinjura Louise Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur Jurgen Carl Grixti | Kunsillier |
| Is-Sur Efrem Buttigieg | Kunsillier |

**Assenti**

Il-Kunsillier Carmen Borg kienet skuzata.

**<u>Talba</u>**

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal it-talba

**01/01 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 6 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Minuti ġew approvati unanimament.**

## 02 Punti li joħorġu mill-Minuti

### 02/01 Laqgħa mas-Sidien tal-Ħwienet

Is-Sindku, Christian Sammut infurma lill-membri li l-laqgha mas-sidien tal-hwienet inzammet nhar it-Tnejn 17 t'Awwissu 2015, fejn gew diskussi bosta inizzjattivi mis-sidien tal-hwienet fosthom sponsors ghal bins, planters fi Triq il-Kbira San Guzepp, xiri ta' sett pavaljuni sabiex jintużaw fl-istagun tal-Milied. Barra minhekk is-Sindku ppropona li l-hwienet johorgu s-somma ta' €50.00 bhala sponsor ghal Festival tac-Cikkulata.
Is-Sindku nfurma lill-membri li l-laqgha li jmiss mas-sidien tal-hwienet se tinzamm nhar it-Tnejn 31 t'Awwissu u l-membri huma mistiedna jattendu.

Il-Vici Sindku,Vincent Bonello gibed l-attenzjoni li l-Kunsill ma jistax jobbliga lil tal-hwienet jaghtu flus ghall-Festival tac-Cikkulata, ghas-semplici raguni li dawn jibqghu miftuhin.

### 02/02 Magazine tal-Kunsill

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-harga tal-magazine li jmiss se ssir fil-bidu tax-xahar ta' Ottubru. Ghaldaqstant il-membri ghandhom jippreparaw l-artiklu taghhom u jghadduh lis-Segretarju Ezekuttiv mill-aktar fis. Barra minhekk kull min jixtieq jinkludi xi materjal iehor jghaddih lis-Segretarju Ezekuttiv ghad-diskussjoni.

### 02/03 Użu tas-Sala tal-Kunsill

Il-Kunsillier Efrem Buttigieg infurma lill-membri li s-Sinjura Joanne Cauchi, l-mama ta' Gaia Cauchi kkonfermat li Gaia se tkun qed tippartecipa fil-Festival tac-Cikkulata, minghajr hlas.

Is-Sindku nfurma lill-membri li kellu talba ohra ghall-uzu tas-Sala tal-Kunsill sabiex tinzamm laqgha simili nhar it-18 ta' Settembru 2015.

### 02/04 Progett Pjazza San Pawl

Il-Vici Sindku, Vincent Bonello, gibed l-attenzjoni li dakinhar li gie diskuss l-progett ta' Pjazza San Pawl, meta hu kien Sindku, kien nfurma lill-membri li l-konki ta' quddiem il-gabbana ma kienux gew irhamati ghaliex kellhom ikunu nkluzi fil-progett propost. Is-Sur Bonello nfurma li hu, dak iz-zmien ma kellux kopja tal-pjanti tal-progett propost.

Il-Vici Sindku, Vincent Bonello rega sahaq li ghalih dan huwa kaz maghluq.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk il-Kunsill hux se jiltaqa' mas-sid tal-kiosk u mar-residenti. Is-Sindku kkonferma li dan se jsir izda f'dan l-istadju m'hemm lok li niltaqghu mar-residenti. Il-Kunsillier Efrem Buttigieg assekondat mill-kunsillier Antonello Cuschieri u Louise Portelli gibdu l-attenzjoni li din l-issue tolqot direttament lir-residenti. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri sahaq li r-residenti ma jafux kif gej il-progett. Il-Kunsillier Efrem Buttigieg sahaq li r-residenti ghandhom jigu pprezentati l-progett forsi jifhmu ahjar u jafu jaqblu mal-progett ukoll.

Fid-dawl ta' dan kollu gie deciz li l-Kunsill jistenna d-decizjoni tal-MEPA u wara l-Kunsill jiltaqa' kemm mar-residenti kif ukoll ma' sid il-gabbana.

**02/05 Quotation CCTV Cameras ghal Gnien Anton Buttigieg**

Is-Sindku nfurma lill-membri li nhar l-Erbgha, 19 ta' Awwissu l-Bord tal-Aggudikazzjoni evalwa t-tlett *quotations* ghal CCTV Cameras, ipprezentati minn

- Alberta
- Firetech
- Smart ICT

Il-Bord irrakkomanda li tinghazel il-*quote* ta' Firetech ghaliex hija l-aktar wahda vantaggjuza, kemm finanzjarjament kif ukoll bħala sistema.

**Il-Kunsill approva din il-quotation.**

**02/06 Festa San Gejtanu 2015**

Is-Sindku wera s-sodisfazzjon tieghu ghall-andament tal-Festa San Gejtanu, fejn bhala festa ngenerali kienet wahda tajba hafna. Is-Sindku nfurma wkoll li l-inizzjattivi tal-mobile toilets u ambulanza ntlaqghu tajjeb hafna. Is-Sindku ppropona li ghas-sena d-diehla, flimkien ma dawn iz-zewg inizzjattivi, l-Kunsill jinvesti f'numru ta' bins tul Triq il-Kbira San Guzepp.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri gibed l-attenzjoni li din is-sena kien hemm postijiet li xorta ramaw bhala bar, fosthom il-Golden Harvest, Honey Pot u Papillon.

Il-Vici Sindku wera li hu jaqbel ukoll li l-hwienet jithallew jarmaw imwejjed u siggijiet barra. Il-Kunsilliera Efrem Buttigieg u Jurgen Carl Grixti jaqblu li logistikament dan ma jippremettix.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Pulizija ghamlitha cara li tali permessi m'ghandhomx jinhargu matul il-gimgha tal-festa.

Tqajjmet id-diskussjoni dwar il-gabbani matul il-gimgha tal-festa u gie deciz li jigi ffurmat sotto kumitat sabiex jiddiskuti dan kollu u ghas-sena d-diehla jsir it-tibdil mehtieg. Dan il-kumitat ikun iffurmat mis-Sindku, l-Vici Sindku Vincent Bonello u l-Kunsilliera Antonello Cuschieri, Louise Portelli u Jurgen Carl Grixti.

**02/07 Korrispondenza**

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa dwar it-talba tas-Sur Joseph Sammut dwar Parking Irregularities fi Triq Atocia. Il-Vici Sindku qal li din l-*issue* ilha ghaddejja s-snin u s-Sinjura Sammut kemm-il darba giet tkellmu u jikkonferma li din il-mara qed tigi ppersegwitatha. Dan huwa kaz uniku u Transport Malta kienet għamlet sinjali u tabelli tat-traffiku. Il-Vici Sindku fisser li dan kollu qed isehh minhabba pika zejda bejn il-girien.

Is-Sindku fisser li l-proposta ghal 'Access for residents Only' se tghin ukoll ghall-estetika tal-Pjazza ta' quddiem il-kappella.

Il-Vici Sindku Vincent Bonello ma jaqbilx li ssir *Access for Residents Only*.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti qal li din hija l-unika pjazza antika fil-Hamrun u tkun sabiha kieku tigi nstallata funtana.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuggerixxa li l-Kunsill jiehu l-ideat tar-residenti.

Il-Vici Sindku spjega li meta l-Kunsill pprova jaghmel xi haga simili u laqqa' r-residenti u anke kien ingib Pulizija ghaliex kien hemm hafna opinjonijiet differenti u l-laqgħa kienet shuna hafna u l-Kunsill laqa' t-talba tar-residenti u ġie deċiż li jħalli kollox kif inhu.

Is-Sindku Christian Sammut issuggerixxa li l-ewwel nipprezentaw it-talba lil Tranport Malta u wara nlaqqghu lir-residenti.

**02/08 Skip f'Tar-Rabbat H/E**

Il-Vici Sindku gibed l-attenzjoni li tpoġġiet skip ħdejn id-dar tiegħu. Il-Viċi Sindku qal li kien hemm proposta li titpoġġa skip ħdejn il-Metropolitan Flats u mhux jitpoġġew tnejn ħdejn xulxin. Is-Sindku nfurmah li din l-iskip tpoġġiet fuq talba tar-residenti u kemm ilha li saret ir-rimi mal-art naqas hafna.

Il-Vici Sindku ssuġġerixxa li ssir sorveljanza u mhux jimtela' kullimkien skips. Il-Viċi Sindku qal li r-residenti gergru ghax il-*Housing Estate* sar *scrap yard* tal-iskips.

Is-Sindku nfurma lill-membri li se jizdiedu l-iskips f'postijiet ohra. Il-kunsillier Efrem Buttigieg issuggerixxa li ssir site inspection u ssir skip skont il-htiega.

Il-Kunsill qabel ma dan is-suggeriment.

**03 Tender Cleaning, Upkeep & Maintanace of Public Conveniences**

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Bord tal-Aggudikazzjoni ltaqa' mal-*bidders* u saret enfażi dwar l-attendant.

Is-Segretajru Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-offerta mitfugħa mis-Sur Jeffrey Baldacchino ġiet skwalifikata għaliex is-Sur Baldacchino ma ppreżentax Garanzija Bankarja kif mitlub bil-liġi, mat-tender document. Madanakollu l-Bord tal-Aġġudikazzjoni xorta waħda sejjaħlu għal-laqgħa u l-membri kienu konxji li din kienet l-ewwel darba li s-Sur Baldacchino tefa' tender. Is-Sur Baldacchino ingħata spjega ħafifa mis-Segretarju Eżekuttiv ta' x'inhu rikjest meta persuna titfa' offerta għal tender.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ spjega li l-offerta ta' V&A Services Ltd hija għolja ħafna għall-budget tal-Kunsill u l-Kumpanija WM Environment huwa kemmxejn għoli għall-budget tal-Kunsill ukoll.

Messrs Saviour Mifsud offra li jinstalla *CCTV Cameras* maż-żewġ *Public Conveniences* filwaqt li George Axisa huwa l-inqas bidder, iżda dawn it-tnejn tal-aħħar jinsabu ħafna qrib xulxin.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ spjega li George Axisa lest li jimpjega part-timer u membru tal-familja iżda l-Kunsill għandu jagħti t-tender lil xi ħadd li huwa l-aħjar. Il-kunsillier Efrem Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni li hu ma jaqbilx mal-fatt li jiġi mpjegat membru tal-familja.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ jifhem li Messrs Saviour Mifsud għandhom xi problemi biż-żamma tal-letrini u għandhom fejn jirranġaw.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ġibed l-attenzjoni li sal-ġurnata ta' qabel tħalla d-dawl mixgħul fil-letrina, fil-ħin li din il-letrina kienet magħluqa.

Is-Sindku spjega li l-problemi ilhom għaddejjin u qatt ma tranġaw. L-attendant, skont il-kuntratt qatt ma kien fuq il-post, fost nuqqasijiet oħra.

Il-Kunsill Efrem Buttiġieġ issuġġerixxa li għandhom jiġu evalwati ż-żewġ tenders, kemm ta' Messrs Saviour Mifsud kif ukoll ta' Messrs George Axisa.

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni li kien hemm żmien li l-letrina għamlet sitt xhur magħluqa minħabba li kien hemm problemi ta' droga u dan meta suppost kien ikun hemm l-*attendant*.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri infurma lill-membri li Messrs George Axisa se jaħdmuha huma u jekk ikun hemm il-bżonn jimpjegaw part-timer.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur attwali, Messrs Saviour Mifsud ma jistax jibqa' jiġi fdat għaliex s'issa qatt ma ta lil Kunsill servizz sodisfaċenti. Il-Kuntratt attwali jorbot lill-kuntrattur sabiex jagħmel manutenzjoni tal-ħsarat b'mod regolari meta fil-fatt ġab il-letrini fi stat diżastruż.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ qal li issa se jkun hemm aktar sorveljanza u jemmen li l-affarijiet se jkunu differenti.

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill kellu bosta problemi mingħajr attendant. Għaldaqstant il-letrini għandhom ikunu b'attendant kull wieħed u fid-dawl ta' dan kollu it-tender għandha terġa' tinħareġ mill-ġdid jew inkella l-kuntratt jingħata lill-kuntrattur li offra li jinstalla s-*CCTV Cameras*.

Is-Sindku spjega li l-ispecifications tat-tender inħadmu, ġew diskussi waqt Seduti preċedenti u approvati.

Is-Sindku saħaq li fid-dawl ta' dan kollu, l-Kunsill jagħżel l-oħros offerta iżda għandna nikkonfermaw mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ikollna konferma li t-tender tkopri l-pagi minimi.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ issuġġerixxa li jittieħed vot. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri saħaq li l-Kunsill m'għandhux jintrabat mal-orħos offerta.

Is-Sindku Christian Sammut issuġġerixxa li l-Kunsill jistenna ġimgħa oħra sabiex jiġu evalwati l-workings kollha u jiddeċiedi f'Seduta oħra l-ġimgħa ta' wara.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ issekondat mill-kunsillier Antonello Cuschieri ppropona li jittieħed vot biex il-Kunsill jagħżel l-kuntrattur issa.

Is-Sindku fisser li d-differenza ta' € 16,000 huma flus u għaldaqstant għandna nistennew il-kjarifika mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jiltaqa' t-Tlieta 25 t'Awissu fis-6.00p.m. u tiġi diskussa din it-tender biss u tittieħed deċiżjoni dakinhar.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti, filwaqt li jaqbel mas-Sindku, fakkar li l-kuntrattur preżenti mhux jagħti servizz. Il-Kunsill diġa jaf x'joffri. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa kemm inħarġu default notices lill-kuntrattur matul il-perijodu tal-Kuntratt attwali. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li fis-sena u nofs li ilha hi fil-kariga qatt ma nħarġet Default Notice.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ baqa' konsistenti sabiex jittieħed vot sabiex jingħażel il-kuntrattur waqt is-Seduta.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li l-oħros bidder jitfgħu lura għax insinwa li 'jekk hemm il-ħsieb/bżonn jimpjegaw part-timer' u ma kienx konsistenti.

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello, f'dan l-istadju, talab li t-tender tiġi sospiża, għar-raġunijiet, li l-Bord tal-Evalwazzjoni ma kellux ikun b'erba' membri u ma ġewx quddiem il-Kunsill b'deċiżjoni finali, minħabba li fiha jeżistu difetti oħra.

Il-membri ma qablux li t-tender tiġi sospiża.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ppropona li la m'hemmx konsensus li jingħażel min se jieħu l-Kuntratt, il-Kunsill għandu jieħu vot lil min jippreferi minn Kuntrattur għal ieħor, bejn Messrs Saviour Mifsud & Sons u Messrs George Axisa. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri u Louise Portelli ssekondaw din il-proposta. Is-Sindku Christian Sammut u l-kunsillier Jurgen Carl Grixti ma jaqblux, filwaqt li l-Viċi Sindku astjena.

Is-Sindku, Christian Sammut ippropona li m'hemmx id-dettalji kollha meħtieġa dwar il-prekarjat u la l-offerta ta' *CCTV Cameras* ma kinitx parti mit-tendr, il-Kunsill iżomm laqgħa oħra nhar it-Tlieta 25 t'Awissu 2015, fejn ikollna d-data kollha miġbura kkonfermata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Fid-dawl ta' dan kollu *Messrs* Saviour Mifsud & Sons u Messrs George Axisa ġew shortlisted.

Ittieħed Vot;

Ġie propost li l-kuntratt għal Cleaning, Upkeep & Maintanance of Public Conveniences jingħata lil Messrs George Axisa

Ivvutaw tnejn (2) Favur: Is-Sindku Christian Sammut u l-Kunsillier Jurgen Carl Grixti, tlieta (3) Kontra: Il-Kunsilliera Antonello Cuschieri, Louise Portelli, Efrem Buttiġieġ u Astensjoni waħda (1), il-Viċi Sindku Vincent Bonello

Ġie propost li l-kuntratt għal **Cleaning, Upkeep & Maintanance of Public Conveniences** jingħata lil Messrs Saviour Mifsud & Sons

Ivvutaw tlieta (3) Favur: Il-Kunsilliera Antonello Cuschieri, Louise Portelli, Efrem Buttiġieġ, tnejn (2) Kontra: Is-Sindku Christian Sammut u l-Kunsillier Jurgen Carl Grixti u Astensjoni waħda (1), il-Viċi Sindku Vincent Bonello. Il-Kunsilliera vvutaw favur bil-patt u l-kundizzjoni li jiġu nstallati *CCTV Cameras* maż-żewġ letrini kif imwiegħed waqt il-laqgħa mal-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello semma' li f'dan l-istadju l-Kunsill għandu joqgħod attent x'tip ta' cameras se jiġu nstallati.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ppropona li sabiex jingħata l-kuntratt għandha ssir kitba uffiċjali dwar il-kundizzjoni tal-installar ta' *CCTV Cameras*.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni li l-orħos bidder ma kienx jaf hux se jimpjega part-timer jew le u għaldaqstant ta l-impressjoni li ma kienx jaf ix-xogħol rikjest f'din it-tender, filwaqt li *Messrs* Saviour Mifsud & Sons offra l-installar ta' *CCTV Cameras*, minkejja l-fatt li dawn ma kienux mitluba fit-tender. Dan juri li Messrs Saviour Mifsud qed joffri aktar sigurta' u aktar moniteraġġ għall-Kunsill. Barra minhekk kull meta l-Kunsill ġibed l-attenzjoni tas-Sur Mifsud dejjem ittieħdu passi u tejjeb is-servizz tiegħu. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri fakkar li s-Sur Mifsud qatt ma kellu *Default Notice* u għaldaqstant uffiċjalment is-servizz huwa tajjeb, filwaqt li Messrs George Axisa m'għandux esperjenza biżżejjed biex jiġi ġġudikat is-servizz tiegħu.

Il-Kunsillier Louise Portelli qalet li jista' jagħti l-każ li l-kunsillier responsabbli mill-ambjent għadu ma bedix jinfurza biżżejjed fuq iż-żamma tal-letrini iżda jidher li bena relazzjoni tajba

ħafna miegħu fuq servizzi oħra li l-istess kuntratt joffri lill-Kunsill u s-servizzi qed imorru għall-aħjar.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ fisser li s-*CCTV Cameras* huma ferm bżonnjużi mal-letrini, filwaqt li m'għoġbux il-mod ta' kif kien bi ħsiebu jaħdem *bidder* George Axisa. Hu saħaq li bħala kunsillier responsabbli mit-tindif bena relazzjoni tajba ħafna ma' Messrs Saviour Mifsud, fejn kull darba li ġibidlu l-attenzjoni, s-servizzi ġew imtejba.

Is-Sindku Christian Sammut qal li ġaladarba l-orħos offerta toffri servizz li fih m'hemmx ħlas bi prekarjat, iħoss li bħala Kunsill, kif dejjem sar, tingħażel l-orħos offerta, meta se jingħata l-istess servizz.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li b'dan il-vot, il-Kunsill se jibda' jħallas € 4450 fis-sena aktar, meta jemmen li għall-istess servizz dan il-flus setgħu ġew użati aħjar. Ġibed l-attenzjoni li matul dawn l-aħħar snin il-Kunsill kellu ħafna lmenti dwar il-mod kif dan il-kuntrattur kien qed iżomm il-letrini pubbliċi u fejn saħansitra ma żammx mal-kuntratt.

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello qal li r-raġuni tal-astensjoni tiegħu minn dan il-vot kienet li kif ġiet żvolta l-andament u d-diskussjoni dwar din it-tender ħass li jkun aktar viabbli li t-tender titwaqqaf u tiġi diskussa mill-ġdid peress li dan l-aħħar il-Kunsill qed jinfurza li jkun hemm CCTV Cameras.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti qal li hu ltaqa' mar-residenti u kienu ħafna li lmentaw dwar iż-żamma tal-letrini fil-lokalita', liema letrini kienu responsabbilta tal-kuntrattur magħżul illum stess, u ħareġ ċar li ma kienx qed jagħti servizz xieraq, fosthom il-ġurnata ta' qabel stess, fejn ħalla d-dawl tal-letrina ta' Triq id-Duka t'Edinburgh mixgħul waqt li l-letrina kienet tinsab magħluqa. Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti qal li huwa xettiku ħafna u jittama li l-affarijiet imorru għall-aħjar għall-ġid tal-Ħamrun u jittama li matul is-sena ta' prova, l-Kunsill jara titjieb, għaliex jekk le, l-Kunsill ikun baqa' fejn kien.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni li l-ammont ta' €4450, f'dan l-istadju, se jkunu ta' sena għaliex it-tender tkopri l-perijodu ta' sena, u se jkun hemm installar ta' CCTV Cameras mill-kuntrattur magħżul, a spejjeż tiegħu.

Is-Sindku Christian Sammut fakkar li jekk il-Kunsill jagħżel li jinstalla *CCTV Cameras* a spejjeż tiegħu, l-ispejjeż se jkunu oħros.

## 04 Skeda ta' Ħlasijiet

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista għall-ħlasijiet li rċieva l-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 05 Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00p.m. u ġiet aġġornata għal Ħamis 27 t'Awwissu fis-6.00p.m. għal-kontinwazzjoni

| | |
|---|---|
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

________________________

DATA